MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 127/2004

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-partijiet kienu zzewgu fis-7 ta' Settembru, 1982, u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal, D illum maggorenni, E ta' sittax-il sena u F ta' tnax-il sena.

U premess illi permezz ta' kuntratt datat 11 ta' Gunju, 2002, ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Gertrude Magro (Dok. CZ1), il-kontendenti sseparaw minn ma' xulxin.

U premess illi skond il-klawsola numru tlieta (3) tal-imsemmi kuntratt l-attur huwa obbligat li jhallas lill-konvenuta s-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200) fix-xahar bhala manteniment ghaliha u ghall-minuri F, b' dan illi Lm120 ghandhom jinghataw lill-konvenuta, filwaqt illi Lm80 ghandhom imorru a favur il-manteniment tal-minuri F.

U premess illi ai termini tal-istess klawsola l-manteniment ghandu jinqata' direttament mill-paga tal-konvenut bir-rata ta' Lm100 kull hmistax-il gurnata u ghandu jigi rivedut darba kull sentejn skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

U peress illi l-ammont ta' Lm100 kull hmistax-il gurnata jammonta ghal aktar minn mitejn lira Maltin (Lm200) fix-xahar u ghalhekk il-konvenut hallas b' mod indebitu manteniment aktar minn dak li kien obbligat ihallas.

U peress illi l-konvenuta ghandha relazzjoni adultera u ghalhekk hija ddekadiet mid-dritt taghha li tircievi l-manteniment f' isimha proprio.

U peress illi l-konvenuta ghandha impjieg bi profitt u ghalhekk hija kapaci tmantni lilha nnifisha.

U peress illi mid-data tal-kuntratt sallum is-sitwazzjoni finanzjarja tal-attur iddegradat filwaqt li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-konvenuta marret ghall-ahjar.

U peress illi permezz ta' digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-15 ta' Marzu, 2004 (Dok. CZ2), l-attur gie awtorizzat jipprocedi b' citazzjoni skond il-Ligi.

Ghaldaqstant, tghid il-konvenuta l-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-attur hallas b' mod indebitu manteniment fis-somma li tigi stabbilita mill-istess Qorti.

2. Tordna lill-konvenuta tirrifondi lill-attur is-somma stabbilita bhala hlas indebitu affettwat mill-istess attur.

3. Tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt li tircievi manteniment ghaliha minghand l-attur u/jew li hija kapaci li tmantni lilha nnifisha u/jew li kien hemm bdil fil-qaghda finanzjarja tal-attur li tippermetti varjazzjoni fil-hlas tal-manteniment lill-konvenut, u dan taht kull provvediment opportun u prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja.

4. Tordna lill-konvenuta tirrifondi lill-attur il-manteniment mhallas lilha mid-data tal-prezentata ta’ din ic-citazzjoni sad-data tas-sentenza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi l-ewwel u t-tieni talba ghandhom jigu michuda u dan peress li l-eccipjenti ma rceviet l-ebda hlas ta’ manteniment b’ mod indebitu u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. It-tielet u r-raba’ talbiet ghandhom jigu michuda stante li l-konvenuta:
(i) ma ddekadietx mid-dritt li tircievi manteniment f’ isimha proprju minghand ir-ragel;
(ii) ma hemm ebda cirkostanzi godda li sehhew wara l-kuntratt ta’ separazzjoni li wasslu biex l-eccipjenti tista’ tmantni lilha nnifisha;
(iii) ma kien hemm l-ebda varjazzjoni fic-cirkostanzi finanzjarji tal-attur li jwasslu ghal diminuzzjoni fil-hlas tal-manteniment lill-konvenuta, anzi l-introjtu ta’ l-attur zdied u mhux naqas;

u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u konsegwentement m’ hemm ebda lok li hija ghandha tirrifondi manteniment lilha mhallas.

Rat il-kontro talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti li permezz taghha ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-partijiet kienu zzewgu fis-7 ta’ Settembru, 1982 u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal, D illum maggorenni, E ta’ sittax-il sena u F ta’ tnax-il sena.

Premess illi permezz ta’ kuntratt datat 11 ta’ Gunju, 2002, ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Gertrude Magro, ‘Dok.JZ1’, il-kontendenti sseparaw minn ma’ xulxin bonarjament.

Premess illi skond il-klawsola numru tnejn ittra ‘c’ (2c) ta’ l-istess kuntratt, gie stipulat li l-ispejjez ghall-edukazzjoni u ghas-sahha tal-minuri F ghandhom jigu mhallsa mill-kontendenti nofs bin-nofs.

Premess illi mid-data tal-kuntratt hawn fuq imsemmi, l-ispejjez ta’ edukazzjoni u ta’ sahha a favur il-minuri F gew imhallsa unikament mill-konvenuta.

Premess illi l-attur rikonvenzjonat minkejja li verbalment interpellat biex ihallas is-sehem tieghu minn dawn l-ispejjez, huwa naqas milli jhallas is-sehem tieghu kif miftiehem bejn il-partijiet.

Jghid ghalhekk l-attur rikonvenzjonat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandiex:

1. Tillikwida s-somma dovuta mill-attur rikonvenzjonat lill-konvenuta rapprezentanti s-sehem tieghu mill-ispejjez ta’ edukazzjoni u ta’ sahha a favur il-minuri F inkorsi mill-attrici, dovuta mill-attur skond il-kuntratt ta’ separazzjoni immarkat bhala ‘Dok JZ1’.

2. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat ihallas dik is-somma rapprezentanti s-sehem tieghu mill-ispejjez ta’ edukazzjoni u ta’ sahha a favur il-minuri F inkorsi mill-attrici, hekk kif likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-attur rikonvenzjonat minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur rikonvenzjonat li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-attur jecepixxi n-nullita' tat-talba rikonvenzjonali stante li ma tinkwadrax fil-parametri tal-Ligi.
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess it-talba tal-hlas taht l-artikolu 2 c tal-kuntratt ta' separazzjoni citat mill-konvenuta rikonvenzjonata, hija intempestiva stante li l-attur qatt ma gie interpellat sabiex ihallas xi spejjez kif mitlub – ghalhekk kwalsiasi spejjez relattivi ghall-kontrotalba ghandhom ikunu a karigu esklussiv tal-konvenuta.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-artikolu 2 c tal-kuntratt ta' separazzjoni citat stipula b' mod car li "l-ispejjez ghall-edukazzjoni u ghas-sahha ta' F ghandha tithallas mir-ragel u mill-mara nofs bin-nofs bil-patt illi tigi pprezentata l-ircevuta ta' l-imsemmija spejjez." L-attur qatt ma gie pprezentat ircevuti ta' spejjez relattivi ghall-imsemmija minuri u ghalhekk it-talbiet tal-konvenuta rikonvenzjonata ma jissussistux.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess il-konvenuta rikonvenzjonata m' hijix qed tonera l-klawsoli l-ohra tal-kuntratt ta' separazzjoni citat fis-sens li ghalkemm l-attur ghandu access liberu ghat-tifla F li ghandha tnax-il sena (Artikolu 2 b), huwa gie mcahhad mill-ghada stess tas-separazzjoni legali mill-istess bintu u minn kwalsiasi nformazzjoni dwar l-istess minuri. Minkejja dan l-attur xorta wahda qatt ma naqas li jhallas il-manteniment minnu dovuti ai termini tal-istess kuntratt ta' separazzjoni.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni u Kontro talba**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob ir-rifuzjoni ta' flus mhallsa minnu ndebitament lil martu l-konvenuta;

il-varjazzjoni fil-hlas tal-manteniment pagabbli lill-konvenuta, in bazi ghad-dekadenza u tibdil fil-posizzjoni finanzjarja tal-partijiet; kif ukoll il-konsegwenzjali rifuzjoni tal-manteniment imhallas minnu mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sad-data tas-sentenza.

Minn naha tieghu l-konvenuta tichad li rceviet pagamenti ndebiti u ssostni li l-hlas tal-manteniment sar skond it-termini tal-kuntratt. Inoltre, tichad li hi ddekadiet mid-dritt taghha f'dan ir-rigward, li ssopravvenew cirkostanzi godda wara d-data tal-kuntratt, u li kien hemm diminuzzjoni fil-posizzjoni finanzjara ta' l-attur, anzi ghal kuntrarju hi ssostni li l-introitu tieghu zdied.

Illi permezz tal-kontro talba taghha l-konvenuta qeda titlob il-kundanna ta' l-attur ghall-hlas lilha ta' nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u ta' sahha tal-minuri F, skond il-klawsola 2[c] tal-kuntratt, stante li l-attur ilu inadempjenti f' dan ir-rigward mid-data tal-kuntratt bil-konsegwenza li dawn thallsu kollha mill-konvenuta.

Ghal din it-talba, l-attur jeccepixxi: [1] in-nullita' tat-talba rikonvenzjonali stante li ma tinkwadrax ruhha fil-parametri tal-ligi; [2] li t-talba hija ntempestiva stante li l-konvenuta qatt ma nterpellat lill-attur ghall-hlas ta' dawn l-ispejjez; [3] inoltre, l-konvenuta qatt ma pprezentat ricevuti lill-attur skond kif rikjest mill-imsemmija klawsola; [4] li l-attur qed jigi mchahhad milli jara lil bintu nonostante li skond il-kuntratt ghandu access liberu.

**Kwadru tal-fatti**

Illi fil-11 ta' Gunju 2002 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni li fih ikkonvenew fil-klawsola [3] li l-attur kellu jhallas lill-attrici manteniment ta' Lm200 kull xahar, rapprezentanti Lm120 manteniment ghall-konvenuta u r-rimanenti Lm80 manteniment ghat-tifla minuri taghhom Anne Marrie. Ftehmu ukoll il-hlas ta' "dan il-manteniment" kellu jsir b'pagamenti ta' Lm100 kull hmistax mnaqqsa direttament mill-paga tal-konvenut.

Inoltre, fil-klawsola 2[c] il-partijiet qabblu li l-ispejjez ghall-edukazzjoni u ghas-sahha ta' F ghandhom jithallsu mill-

partijiet nofs bin-nofs bil-patt li tigi prezentata l-ircevuta ta' l-imsemmija spejjez.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi l-Qorti tinnota li l-preponderanza tal-provi, kif ukoll parti rilevanti tas-sottomissjonijiet maghmula mill-partijiet, huma diretti lejn it-talba ta' l-attur ghad-dekadenza tal-konvenuta mid-dritt li tkompli tiehu manteniment minghandu

Dekadenza
Illi fit-tielet talba tieghu, l-attur qed jitlob, inter alia, li din il-Qorti tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt li tircevi manteniment ghaliha minghand l-attur, u dan fuq il-kawzali li "il-konvenuta ghandha relazzjoni adultera." Il-Qorti tosserva li d-dekadenza minn dan id-dritt hija kontemplata mill-ligi fl-artikolu 48 tal-Kap.16.[1]

Illi in propositu jinsab ritenut fil-gurisprudenza li talba ghad-dekadenza mid-dritt ta' manteniment ghandha necessarjament issir f' kuntest ta' kawza li jkollha bhala wahda mit-talbiet dik ghas-separazzjoni personali, u dan indipendentement minn jekk il-partijiet ikunux diga' mifrudin b' sentenza jew b' kuntratt [li ghandhu l-forza ta' sentenza]. Dan johrog ukoll car mid-dicitura tal-ligi li tissoggetta l-applikazzjoni ta' l-artikolu precitat ghas-sejbien jew dikjarazzjoni ta' htija ghas-separazzjoni ta' wiehed mill-konjugu. Di fatti dan l-artikolu huwa konsegwenzali ghall-htija tal-parti ghall-firda. [2]

Inoltre, din il-Qorti hi tal-fehma li dan ghandu japplika anke fl-assenza ta' eccezzjoni ad hoc f' dan is-sens, stante li l-Qorti m'ghandhiex tapplika artikolu tal-ligi f' cirkostanzi differenti minn dawk espressament preskritti fl-istess ligi ghall-applikazzjoni tieghu.

Illi inoltre hija opportuna l-osservazzjoni li, mill-kuntratt ta' separazzjoni, li, ghar-rigward ta' dak li hemm konvenut, jikkostitwixxi ligi bejn il-partijiet, il-hlas tal-manteniment pattwit mhuwiex sottopost ghall-ebda kondizzjoni; u

[1] Apparti mill-artikolu 6 li mhuwiex relavanti ghal kaz odjern.
[2] Vide fost ohrajn *App.C.Francis Bugelli vs Josephine Bugelli [26.03.1996]'; PA[VGD] Hector D'Ugo vs Isabel Maria D' Ugo [17.06.1996] u kasitika hemm citata.*

ghalhekk in difett ta’ stipulazzjoni espressa fil-kuntratt li tippermetti riduzzjoni jew tnehijja ta’ dan il-manteniment fil-kaz li l-konvenuta jkollha relazzjoni adultera wara l-iffirmar tal-kuntratt, it-tnehijja tal-manteniment pattwit tista’ ssir biss jew bil-kunsens tal-partijiet, jew b’ sentenza tal-Qorti li tistabilixxi l-htija tal-firda.

Ghaldaqstant din il-parti tat-tielet talba hija, fic-cirkostanzi, legalment insostenibbli, u l-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Varjazzjoni tal-manteniment pattwit
Ferm il-premess, il-Qorti ser tghaddi biex tezamina t-tieni parti tat-tielet talba fejn l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja li l-konvenuta “hija kapaci li tmantni lilha nnifisha u/jew li kien hemm bdil fil-qaghada finanzjarja ta’ l-attur li tippermetti varjazzjoni fil-hlas tal-manteniment lill-konvenut…”[3]

In tema legali jigi osservat li jinsab abbraccjat mill-gurisprudenza nostrali l-principju li s-separazzjoni konsenswali ghandha n-natura ta’ kuntratt veru u proprju, b’ mod li l-pattijiet li jsiru fiha ma jistghux jithassru jew jigu mibdula hlief bil-volonta’ tal-kontraenti, jew bir-rinunzja, jew ghar-ragunijiet li l-kuntratti in generali jistghu jigu mhassra - quibus modis obligamur, eisdem in contrarium actis liberamu. Fil-kaz ta’ separazzjoni konsenswali “..il detto obbligo [di somministrare alimenti] non essendo legale, ma derivante da convenzione , sebbene contrattato fra persone alle quali la legge impone l’ obbligo di somministrare gli alimenti, devono essere allo stesso applicate le regole ordinarie dei contratti.” [*PA Anton Maria Cesareo vs Aetano Cesareo [1880] citata b’ approvazzjoni fil-kawza PA Helen Galea vs Carmelo Galea deciza 2.02.1956, u kazistika citata*]

L-unici eccezzjonijet ghal dan il-prinipju jinsabu: [1] fid-dispost ta’ l-Artikolu 61 tal-kap.16 relattiv ghal kura u kustodja tal-minuri; u [2] fil-principju nemo ad impossibilia tenetur applikat fit-termini ta’ l-insenjament tal-Onorabbli

[3] Fol.1 tergo

Qorti ta’ l-Appell Civili fil-kawza *Alfred Grech vs Pauline Grech deciza 16.04.2004*.

Konformament mal-premess, il-Qorti tosserva li, fil-kaz odjern, il-varjazzjoni fil-quantum tal-manteniment pattwit ghall-konvenuta hija permissibbli biss fil-parametri tal-principju nemo ad impossibilia tenetur. Fi kliem iehor, sabiex din il-Qorti tiddipartixxi mill-principju pacta sunt servanda, l-attur irid jipprova mhux li semplicement hemm tibdil fil-qaghda ekonomika taz-zewg partijiet wara d-data tal-kuntratt, jew li l-posizzjoni finanzjara ta’ martu hija aktar felici minn tieghu, jew li hu qed ikun kostrett li jahdem aktar sabiex jadempixxi dan l-obbligu kuntrattwali tieghu; izda jrid jipprova li l-qaghda finanzjaru tieghu, tbidlet wara d-data tal-kuntratt, b’ tal mod li huwa jinsab fl-impossibilita’ li jonera l-obbligu kuntrattwali precedentement assunt minnu volontarjament.

Ghaldaqstant dak asserit mill-attur li hu “m’ ghandux ikun kostrett jahdem bla waqfien kif qieghed jaghmel illum sabiex imantni lill-konvneuta li kif gja intqal hija f posizzjoni li tmantni lilha nnifsha.”[4] ma jigjovahx ghall-finijiet tat-talba tieghu ghax huwa rrilevanti, ghar-rizoluzjoni ta’ din il-vertenza bejniethom, stante li, rrispettivament mill-posizzjoni finanzjarja ta’ martu, u rrispettivament minn kemm hu qed ikollu jahdem, gjaladarba ma tirrizultax l-impossibilita’ da parti tieghu li jadempixxi l-obbligu kuntrattwali naxxenti mill-klawsola precitata, huwa ma jistax legalment jigi ezonerat mill-obbligu tieghu li jhallas il-manteniment lil martu u fil-quantum u bil-mod pattwit. F’ dawn ic-cirkustanzi jibqa’ ferm il-principju pacta sunt servanda.

Illi kemm mill-affidavit ta’ l-attur, kif ukoll mid-dokumenti esebiti jirrizulta manifestament mankanti l-element tal-impossibilita’ da parti ta’ l-istess attur li jonera l-obbligu kuntrattwali tieghu billi jhallas lill-attrici s-somma ta’ Lm200 fix-xahar; anzi mill-provi jirrizulta li hu ghandu mezzi sufficjenti ghal dan il-ghan. Di fatti mill-affidavit tieghu stess jirrizulta li fis-sena 2003 huwa ppercepixxa

[4] Nota oss. Attur

introitu annwali ta Lm7,189.30, ghalkemm jilmenta ghax "fejn qabel kont qed naqla' circa Lm300 kull gimghatejn, illum il-gurnata qed naqla' circa Lm200 kull gimghatejn." Inoltre, kif jirrizulta mid-dokumenti CZ1 u CZ2 fis-snin 2003 u 2005 dahhal mill-part time job introitu annwali ta' Lm1,345.67 u Lm1,527 rispettivament.

Ghaldaqstant, stabbilit il-premess, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba ghal varjazzjoni fil-quantum tal-manteniment pattwit bejn il-partijiet, bazata fuq il-qaghda finanzjarja taghhom sussegwnti ghad-data tal-kuntratt, hija legalment u fattwalment insostenibbli, u timmerita li tigi michuda.

Rifuzjoni

Illi fit-talbiet numri wiehed u tnejn l-attur qed jitlob dikjarazjoni gudizzjarja li hu hallas lill-attrici manteniment indebitu, kif ukoll il-konsegwenzjali ir-rifuzjoni ta' dan il-manteniment.

Din il-parti tal-pretensjonijiet attrici hija bazata fuq il-kontenut tal-klawsola numru tlieta [3] fuq imsemmija u ir-riljev li din tikkontjeni kontradizzjoni, ghax, filwaqt li l-partijiet ftehmu u stipulaw li l-manteniment pagabbli lill-attrici, ghaliha u ghal bintha, kellu jkun ta' Lm200 fix-xahar, u allura Lm2,400 fis-sena; il-modalita' stipulata ghall-hlas ta' dan il-manteniment iwassal ghal somma superjuri; ghax skond l-istess klawsola "Dan l-ammont u cioe' mitejn lira maltin fix-xahar" gie pattwit li jithallas billi mill-paga ta' l-attur "jigu dedotti Lm100 maltin kull hmistax il-gurnata". Kif ukoll li l-manteniment ghandu jgi rivedut darba kull sentejn skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

Il-Qorti tosserva in propositu li mill-premess jirrizulta car li l-quantum ta' l-ammont pattwit huwa ta' Lm200 fix-xahar; u mhux ta' Lm100 kull gimghatejn, ghax din ta' l-ahhar tirrapprezenta biss modalita' tal-pagament; u ghalhekk hija korretta s-sottomissjoni ta' l-attur li, l-hlas ta' Lm100 kull gimghatejn jeccedi l-ammont tal-manteniment pattwit. Fil-fatt jirrizulta li, filwaqt li l-obbligu kontrattwali tieghu huwa li jhallas manteniment ta' Lm2,400 fis-sena, il-modalita' tal-hlas, iwassal ghas-somma ta' Lm2,600; u

ghalhekk huwa qed ihallas indebitament manteniment ta’ Lm200 fis-sena oghla minn dak pattwit.

Illi mill-provi jirrizulta li mid-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt fil-11 ta’ Gunju 2002 huwa dejjem hallas is-somma ta’ Lm50 fil-gimgha. Dan jirrizulta ammess mill-istess konvenuta fix-xhieda taghha ta’ l-1 ta’ Novembru 2005 fejn tghid li l-manteniment ta’ Lm50 fil-gimgha “dejjem inghata” mid-data tas-sepaazzjoni.[5] Ghalhekk hija ghandha tirrifondi lill-attur s-somma ta’ Lm1,067 rapprezentanti hlas indebitu ta’ Lm200 fis-sena mill-11 ta’ Gunju 2002 sal-11 ta’ Ottubru 2007.

Ghaldaqstant l-ewwel zewg talbiet ta’ l-attur huma gustifikata u jimmeritaw li jigi milqugha fis-sens li jigi dikjarat li fil-perijodu fuq indikat l-attur hallas indebitament manteniment lill-konvenuta fl-ammont komplessiv ta’ Lm1,067.

Kontro talba

Illi din it-talba hija bazata fuq il-klawsola 2[c] tal-kuntratt u hija diretta sabiex jigi likwidat sehem l-attur mill-ispejjez ta’ sahha u edukazzjoni tal-minuri F, u l-konsegwenzjali hlas.

Illi qabel xejn jigi rilevat li, kuntrarjament ghal dak eccepit mill-attur rikonvenzjonat, it-talba rikonvenjzonali tissubentra fit-termini ta’ l-artikolu 396 tal-Kap.12, stante li temani mill-istess kuntratt, kif ukoll hija ntiza sabiex issir tpacija mal-kreditu pretiz mill-attur. Jigi osservat li l-attur ma baqax jinsisti fuq din l-eccezzjoni li hija manifestament nfondata.

Ferm il-premess, il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina t-talba rikonvenzjonali fid-dawl tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi, u tenut kont ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur.

Illi mill-provi jirriuzlta li mid-data tal-kuntratt il quddiem l-attur naqas milli jhallas nofs l-ispejjez ta’ sahha u edukazzjoni tal-minuri skond l-obbligu kuntrattwali tieghu naxxenti mill-klawsola precitata.

[5] Fol.334

Inoltre, ghalkemm jirrizulta li l-konvenuta ma kienitx ghaddiet ir-ricevuti lill-attur, hija tghid, u dwar dan ma gietx kontraddetta, li "Kull darba li naghmel riferenza ghal dan [l-oneru ta' l-ispejjez] mar-ragel huwa jirrispondini li jkun 'broke' u li qieghed jghatini bizzejjed."[6]

In propositu l-Qorti tosserva li l-obbligu kuntrattwali principali naxxenti mill-imsemmija klawola, huwa l-hlas mill-attur ta nofs l-ispejjez; filwaqt li l-kundizzjoni li dan isir kontra ricevuti hija biss konfermatorja ta' l-ezistenza ta' l-ispejjez. Ghaldaqstant, ghalkemm il-prospett[7] prezentat mill-konvenuta ta' l-ispejjez inkorsi minnha ghall-perijodu li jestendi minn Gunju 2002 sa Dicembru 2004 mhuwiex munit bir-ricevuti, jekk l-ezistenza taghhom tigi konfermata minn din il-Qorti, allura l-obbligu ta' l-attur fir-rigward ta' dawn l-ispejjez jigi fis-sehh.

Illi qed jigi osservat li l-kontenut ta' l-imsemmi prospett huwa, in parte, konfermat mix-xhieda tal-minuri F, filwaqt li l-istampa moghtija tal-partiti ta' l-ispejjez u tal-quantum taghhom hija wahda ragjonevoli u fuq bazi ta' probabbilita' kbira qeda tigi accettata minn din il-Qorti bhala veritiera; u ghalhekk l-ammont komplessiv ta' Lm824.48 rapprezentanti spejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri nkorsi fil-perijodu fuq indikat, huwa veritier u nofsu huwa dovut mill-attur skond l-obbligu kuntrattwali tieghu, u cioe' Lm412.24, liema kreditu tal-konvenuta ghandu jgi dedotti mid-debitu taghha ta' Lm1,067.

Illi pero' il-fatt li l-konvenuta kienet naqset fil-fatt li tipprezenta lill-attur ir-ricevuti relattivi, anke occorrendo formalment, ghandu jigi rifless fil-kap ta' l-ispejjez.

Illi l-Qorti tirrileva li l-ispejjez stabbiliti huma limitati ghall-perijodu li ghalaq f' Dicembru 2004, u ghalhekk l-obbligu kontrattwali ta' l-attur ghas-snin sussegwenteni jibqa' jsehh, purche' il-konvenuta tipprezenta r-ricevuti relattivi, u

6 Fol.72
7 Fols.87 u 88

l-istes ammont, jekk hekk ikkonfermat, ghandu jitnaqqas mill-imsemmi debitu ta' Lm1,067.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar l-azzjoni attrici, billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba, billi tiddikjara li l-attur hallas lill-attrici b' mod indebitu manteniment li jammonta ghas-somma ta' elf, u seba u sittin lira maltin [Lm1,067] mill-11 ta' Gunju 2002 sal-11 ta' Ottubru 2007;

[2] tilqa' t-tieni talba, u tikkundanna lill-konvenuta tirrifondi lill-attur l-imsemmija somma ta' Lm1,067;

[3] tichad it-tielet talba;

[4] tichad ir-raba talba;

L-ispejjez jinqassmu wgwalment bejn iz-zewg partijiet.

Tiddecidi dwar il-kontro talba billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba, u tillikwida l-ammont dovut lill-konvenuta mill-attur bhala sehmu ta' nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni ghal minuri F mill-11 ta' Gunju 2002 sal-31 ta' Dicembru 2004, fl-ammont ta' erba mija u tnax il-lira Maltin u erba u ghoxrin centezmu [Lm412.24]; u dan minghajr preguidizzju ghall-ammonti dovuti mill-attur ghas-snin sussegwenti, wara l-prezentata mill-konvenuta tad-debiti ricevuti;

[2] tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuta l-imsemmija somma ta' Lm412.24;

L-ispejjez tal-kontro talba ghandhom jigu sopportati mill-attur in kwantu ghal zewg terzi [2/3], filwaqt li r-rimanenti terz [1/3] ghandu jibqa' a kariku tal-konvenuta

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------